**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs.**

**Marin Stoyanov Minev**

Numru 674/2018

Illum 23 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Marin Stoyanov Minev**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Stoyan u Seyana, mwieled Pazardjik gewwa il-Bulgarija, nhar il-15 ta' Awwissu 1990, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 68266(A) u residenti gewwa Sunrise Suites, Flat 1 Triq il-Papa Gwanni XXIII, Birkirkara

akkuzat talli:

1. f'dawn l-ahhar snin gewwa Malta u f'dawn il-Gzejjer assocja ruhu flimkien ma' persuna/i ohra bil-ghan li jaghmel delitt/i f'Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa (Artikoli 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. nhar il-21 ta' Ottubru 2018 gewwa Malta bil-hsieb li jaghmel delitt u cioé delitt ta'serq minn gewwa hwienet wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u hin (Artikoli 41 (1)(a)(b), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(b), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. nhar l-1 ta' Ottubru 2017 ghall-habta ta' 20:30hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Heaven's Gate li jinsab fi Triq Birkirkara, San Gwann ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra (Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Yuliana Andrea Munoz u persuni ohra fl-istess hanut kontra l-volonta' taghhom (Artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari (Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. nhar l-20 ta' Lulju 2015 ghall-habta ta' 22:40hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Izibet li jinsab fi Triq in-Naxxar, San Gwann ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra (Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Annaliza Buttigieg u persuni ohra fl-istess hanut kontra l-volonta' taghhom (Artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari (Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

9. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, u kif ukoll il-fedina penali tal-imputat (Dok. "FF 1" – *a fol.* 8).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(h), 41(1)(a), 48A(1), 49, 50, 86, 87(1)(e), 261(a), 261(b), 261(c), 261(f), 262(1)(a), 262(1)(b), 263(b), 267, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Marin Stoyanov Minev hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u kif ukoll ghal perijodu ta' tliet snin prigunerija.

Fir-rigward tat-talba *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif kontenuta fic-*charge sheet*, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha *stante* li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tallum.

Finalment, il-Qorti tordna li, *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

___________________________
**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

___________________________
**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**